MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 300/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Fernando Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat (ID 378777(M)) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Marzu, 2010 għall-ħabta ta' 17.30 hrs fi Triq il-Fortizza, Mosta,

1. kellu fil-pussess tiegħu jew taht ir-responsabilita' tiegħu vettura bil-mutur, cioe' Mini Quad Bike tal-marka MIDI ATV, minghajr ma kien gie registrat mal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;

2. saq mutur Mini Quad Bike minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta biex jintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

3. saq mutur Mini Quad Bike fit-triq minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

4. saq mutur Mini quad Bike minghajr pjanci tan-numri tar-reġistrazzjoni;

5. saq mutur Mini Quad Bike minghajr ma kien liebes il-“crash helmet”;

6. kif ukoll garr persuna fuq l-imsemmi Mini Quad Bike mingħajr ma kien liebes “crash helmet”;

7. saq mutur Mini Quad Bike b’manjiera perikoluza;
8. saq mutur Mini Quad Bike b’manjiera traskurata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Gunju, 2010, li biha wara li rat ir-Regolamenti 3, 32 u 44(7)(d) tal-Avviż Legali 198/2009 u r-Regolament 123(2) tal-Avviz Legali 128/1994, sabet lill-appellat ħati tal-ewwel akkuża w kkundannatu għall-piena ta’ €117 multa, ma sabitux ħati tat-tieni u tat-tielet akkuża stante li mhux sufficjentement ippruvati u minnhom illiberatu, sabitu hati tar-raba’ akkuża u ikkundannatu għall-piena ta’ €58.23 ammenda, sabitu ħati tal-hames u tas-sitt akkuzi u kkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ €58.23 ammenda u ma sabitux ħati tas-seba’ w tat-tmien akkużi fuq konflitt ta’ provi u minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta’ Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni migjuba kontra tiegħu u minflok tiddikjarah ħati ta’ l-istess u tinfliġġi piena skond il-liġi b’dan illi tordna wkoll l-iskwalifika mil-liċenzji

kollha tiegħu tas-sewqan għall-perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravjiu tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti lliberat lil Ferdinando Psaila mill-akkuzi numru (2) u (3) minħabba f’li l-fatt ma kienx fih l-ingredjent tar-reati u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-appell limitatament biss ghar-rigward tal-liberatorja mill-akkuzi numri (2) u (3).

Illi l-appellant jissottometti illi l-fatt li nstabet htija fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-appellat, u cioe’ dik li kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabbilita’ tieghu vettura bil-mutur, cioe’ Mini Quad Bike, tal-marka MIDI ATV minghajr ma kien gie registrat ma’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta, jirifletti li l-vettura effettivament ma kinitx registrata ma’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta u b’hekk, il-vettura de quo ma setghet qatt tinhargilha licenzja tal-vettura u b’hekk isegwi li tali liċenzja ma setghetx tigi mġedda mill-appellat.

Illi di piu, l-Ewwel Qorti sabet htija wkoll fil-konfront tal-hames akkuza u cioe’ illi saq mutur Mini Quad Bike minghajr ma kien liebes il-crash helmet, u b’hekk l-Ewwel Qorti sabet illi l-vettura msemmija kienet, effettivament qeghda tinstaq mill-appellat u għaldaqstant tintuza fit-triq.

Illi stabbilit dan kollu, l-appellant jissottometti illi galadarba l-Ewwel Qorti sabet htija in kwantu tal-fatt illi l-vettura ma kinitx registrata ma’ l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta kif ukoll galadarba gie stabbilit illi l-imsemmija vettura kienet qed tintuza fit-triq, mela logikament isegwi illi l-elementi tat-tieni imputazzjoni, u cioe’ dik li saq mutur Mini Quad Bike minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura

mhux imgedda) huma sodisfatti u kellha tinstab htija f'din it-tieni imputazzjoni.

Illi in vista tas-suespost, l-appellant jissottometti illi l-fatti li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti kienu bizzejjed sabiex jinkorporaw l-ingredjenti tar-reat kompriz fit-tieni imputazzjoni.

Illi għar-rigward tat-tielet imputazzjoni u ċioe dik li l-appellat saq mutur Mini Quad Bike fit-triq minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha wkoll l-ingredjenti ta' dan ir-reat u dan ghaliex ma ngabet l-ebda prova min-naha tad-difiza illi l-appellat kien kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni operattiva.

Illi l-appellant jissottometti illi jispetta lill-appellat li jressaq il-prova li hu kien kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni operattiva.

Illi l-appellant jissottometti illi fl-atti tal-process ma ngabet l-ebda prova min-naha ta' l-appellat illi setghet b'xi mod tezonera lill-istess mir-reat adebitat kontrih.

Illi l-appellat intavola risposta għal dan l-appell fejn huwa qal li l-appell ma kienx daħal fiż-żmien preskritt mil-liġi. Fil-mertu l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ingredjenti tar-reat ma kinux ġew ippruvati.  Dan għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-oġġett li kien qed jinstaq mill-appellat kien wieħed li jinħtieġ liċenzja mill-Awtorita' tat-Trasport biex jintuża fit-triq u li biex tali oġġett jinstaq fit-triq jinħtieġ kopertura b'polza ta' assigurazzjoni.

Ħadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma qal li dak li kien qed isuq l-appellat kienx jinħtieġ liċenzja mill-Awtorita' għat-Trasport Malta jew xi forma ta' assigurazzjoni. Ix-xhud Raymond Zammit (Assistent Kummissarju) m'għarafx iwieġeb jekk dak li kien isuq l-appellat kienx jikkwalifika bħala quad bike ai termini tal-Liġi.

Ir-rappreżentant tal-Awtorita’ tat-Trasport Brian Farrugia sempliċiment xehed illi din il-mini quadbike ma kienx reġistrat.

PS 445 esebixxa ritratt ta’ dan il-miniquadbike li juri li l-oġġett kien ċkejken.

Kienu ppreżentati żewġ ritratti li juru d-differenza bejn meta quad bike jinħtieġ insurance u meta le. L-Ewwel Qorti kienet konvinta a bażi tal-evidenza fotografika mill-validita’ tat-teżi tal-esponent.

L-artikolu 2 tal-MVR SL 65 11 jiddefinixxi ‘quadbike’ bħala a four wheeled vehicle with handlebars whose maximum design speed exceeds 45 kilometres per hour. ‘

Fliet l-atti tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti kemm-il dabra din setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha legalment u raġjonevolment.

Għalhekk il-Qorti fliet l-atti bir-reqqa mill-ġdid u semgħet ix-xhieda.

Illi mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Raymond Zammit jirriżulta li fid-29 ta’ Marzu tas-sena 2010 fil-5.30pm huwa kien ra lill-appellat isuq mutur ‘minn dawn iż-żgħar’ – il-mini motor quad bike b’erba’ roti mingħajr crash helmet b’tifel quddiemu. Il-vettura mhix liċenzjata u l-appellat kien qed isuq il-quad bike b’mod perikoluż. Huwa ma qagħadx jivverifika dak il-ħin jekk kellux liċenzji biex isuq fit-triq. Hija tip ta’ vettura li la hija liċenzjata biex tinstaq fit-triq u lanqas hija reġistrata biex tinstaq fit-triq.

Hawn id-difiża ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti li l-appell mhux qiegħed fuq sewqan perikoluż jew crash helmets iżda biss fuq it-tieni u t-tielet imputazzjoni. (fol 20).

Huwa kien qal lill-appellat li dik il-vettura ma setgħetx tinstaq fit-triq. Ix-xhud la talab lill-appellat xi liċenzja u lanqas xi assigurazzjoni.

Fil-kontro eżami l-Assistent Kummissarju identifika l-mutur li urietu l-Qorti (fol 23). Ix-xhud qal li r-ritratti ma ħadhomx hu. Ix-xhud ra r-ritratt illi kien ġewwa l-envelope datat 30/03/2010.- bit-titolu 'photos of quad at Mosta police station'.

Id-difiża staqsiet lix-xhud jekk jagħmilx differenza bejn dak ir-ritratt li kien fl-envelope u dak li qiegħed a fol 4. Ix-xhud qal li kif jidhru ma kienx jaf jekk humiex l-istess. Ix-xhud ma kienx jaf liema mutur kien taħt it-taraġ tal-Għassa tal-Mosta għax ma kienx ix-xhud li ħa r-ritratti. Imbagħad, wara mistoqsija oħra, huwa qal li żgur ma kienx bħan-number 4. (fol 26). Meta kien mistoqsi jekk il-blue u l-orange kinux l-istess mutur, ix-xhud qal li ma setax jgħid is-size hux l-istess. Huwa tenna li l-bniedem li kien qed isuqu ma kienx komdu fuq il-quad bike. Fl-opinjoni tax-xhud il-mutur kien ħafna iżgħar. (fol 27). Lanqas kien jidher li qed jinstaq il-mutur. Ix-xhud ma setax jirrispondi dwar iċ-ċilindrata u lanqas xi speed kien itella'. Huwa qal li meta kien fit-Taqsima tat-Traffiku dawn it-tip ta' muturi ma setgħux itellgħu aktar minn 53 km fis-siegħa. Ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni li jgħid jekk il-mutur in kwistjoni kienx itella' daqshekk.

Xehed ukoll Brian Farrugia għall-Awtorita' tat-Trasport Malta li kkonferma li l-appellat ma kellu ebda quadbike reġistrat fuqu.

Fil-konto-eżami huwa qal li ma kienx bniedem tekniku u għalhekk ma setax jgħid jekk l-oġġett in kwistjoni kienx jaqa' taħt id-definzzjoni ta' quadbike.

Is-Surġent qal li l-oġġett in kwistjoni kien dak li qiegħed fl-għassa tal-Mosta, fejn jidher il-fire extinguisher.

Xhieda tal-appellat

L-appellat Fernando Psaila kkonferma liema kien l-oġġett li kien riekeb fuqu. Huwa kien esebixxa żewġ ritratti oħrajn fejn wieħed mill-oġġetti (il-kannella) kien jappartjeni lil ħu l-mara u kien tela’ fuqu hu. Ir-ritratt numru 4 ħadu minn fuq il-kompjuter – quad bike propja. Dak li kien qed isuq hu meta twaqqaf itella’ speed ta’ 35 kilometru. Filfatt kellu l-ħsara u kien ser jieħdu għand il-mechanic. Huwa kien qed jippruvah dak il-ħin, lanqas kien qed isuqu. Qal ukoll li meta kienu għaddejjin il-proċeduri quddiem il-Maġistrat kien tella’ l-mechanic. Kien jaħdem biż-żejt u mhux bil-petrol.

Ikkonsidrat

Punti ta’ Liġi dwar l-appell mill-Avukat Ġenerali.

Fir-risposta tiegħu, l-appellat jissottometti li l-Avukat Ġenerali intavola l-appell tiegħu barra ż-żmien. Bir-rispett kollu jekk wieħed jara d-dati ta’ meta l-Avukat Ġenerali rċieva l-atti u meta ntavola l-appell, wieħed jasal għall-konlużjoni li l-Avukat Ġenerali intavola l-appell tiegħu eżatt fl-aħħar jum li seta’ jagħmel dan u għalhekk il-Qorti mhix qed tqis li l-appell huwa null.

It-tieni punt huwa meta l-Avukat Ġenerali jista’ jappella. Taħt il-kap 65, l-artikolu 63 jagħmilha ċara li l-Avukat Ġenerali jista’ jappella dejjem. Minħabba dak li jiddisponi l-artikolu 413(2) tal-Kap 9 dwar il-konnessjoni fl-azzjonijiet, l-Avukat Ġenerali seta’ jappalla kemm taħt il-Kap 65 kif ukoll taħt il-Kap 104.

Għalhekk il-Qorti qed tikkonsidra l-appell tal-Avukat Ġenerali fl-intier tiegħu.

L-Appell taħt il-Kap 65

Dwar l-appell fuq it-tieni imputazzjoni, il-Qorti rat x'inhi d-definizzjoni tal-kelma 'vettura' fil-Kap 65

**'il-kelma "vettura" tinkludi kull xorta ta' karrozza, karrozzin,**
**karrettun miġbud minn bhima, karru, motor-car, omnibus, bicycle,**
**jew mezz ieħor ta' trasport ta' kull xorta jew għamla, maħsub għat-trasport**
**jew ġarr ta' nies, kadavri jew ħwejjeġ;**

Jekk wieħed jinnota l-kelma 'vettura' mhix waħda 'exhaustive' għax il-kelma użata hija 'tinkludi' u mhux il-kelma 'tfisser'. U hemm il-kliem 'mezz ieħor ta' transport ta' kull xorta jew għamla maħsub għall-ġarr ta' nies.

Hija definizzjoni wiesgħa li tiġbor kollox.

L-appellat jinsisti fuq id-definizzjoni ta' quod bike – li jrid itella' aktar minn 45 kilometru fis-siegħa.

Fiċ-ċitazzjoni l-Prosekuzzjoni użat il-kelma 'Mini Quod Bike' u mhux quod bike waħidha . Isegwi li l-Prosekuzzjoni kienet qed tagħmel differenza bejn quod bike u mini quod bike u fiċ-ċitazzjoni l-imputazzjoni hija dwar 'mini quod bike'. Għalhekk ma kienx hemm għalfejn tinġieb xi prova li l-oġġett użat ma jtellax speed ta' aktar minn 45 kilometru. Iċ-ċitazzjoni hija ordni 'a comparire' u fiha dettalji biżżejjed biex wieħed jinduna dwar xhiex inhi l-imputazzjoni. L-artikolu 15(1) tal-Kap 65 japplika għal kull persuna li ssuq **vettura** mingħajr liċenzja u mhux biss għal min isuq motor car mingħajr liċenzja.

Għaldaqstant stante li d-definizzjoni tal-kelma 'vettura' taħt il-Kap 65 hija wiesgħa ħafna isegwi li l-mid-quad bike huwa vettura. Ma tagħmilx differenza jekk jaħdimx biż-żejt jew bil-petrol. Żgur li mhux xi toy car. Isegwi li kien jinħtieġ liċenzja mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex jintuża fit-triq. Il-Qorti qed tilqa' l-aagravju tal-Avukat Ġenerali dwar it-tieni imputazzjoni – jiġifieri li l-appellat ma

kellux liċenzja mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex jintuża fit-triq.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Ai fini tal-Kap 104, il-kelma 'vettura bil-mutur' tfisser:

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura maħsuba biex tivvjaġġa
fuq l-art u li tkun immexxija b'forza mekkanika, imma li ma timxix
fuq il-binarji, u kull trailer, kemm akkoppjat kemm mhux.'

L-artikolu 3 tal-istess Kap jgħid

3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza,
ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża
vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura
minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, ma tkunx
isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni,
skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Skond ix-xhud tal-appellat il-quad bike għandu magna two stroke u jaħdem biż-żejt. Anzi l-appellat qal li kien 'iħalltu' (il-fuel).

Minn din ix-xhieda jirriżulta li l-miniquad bike għandu magna u jimxi b'forza mekkanika u allura jaqa' taħt id-definizzjoni ta' 'vettura bil-mutur' tal-Kap 104. Isegwi li l-appellat suppost li ħa ħsieb li dan il-mini-quad bike ikun kopert b'polza tal-assigurazzjoni.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali dwar it-tielet imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Ġunju 2010 kif ġej: l-ewwelnett tikkonfermaha fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet ħtija fl-ewwel, fir-raba', l-ħames u s-sitt imputazzjoni bil-pieni relattivi inflitti mill-Ewwel Onorabbli Qorti u fejn illiberat mis-seba' u mit-tmien imputazzjoni u fejn ikkundannat ghall-hlas ta' ammenda ta' €58.23 għar-raba' imputazzjoni u ammenda ta' €58.23 għall-ħames u s-sitt imputazzjoni u qed tirriformaha fejn illiberat mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni u minflok qed issib lill-appellat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni u qed tirriforma wkoll dik il-parti tal-piena fejn kienet imponiet multa ta' €117.00 fuq l-ewwel imputazzjoni (ara l-footnote) u wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 u 3(1)(1A)(2)tal-Kap 104 u l-artikolu 17(1)(f) tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-appellat iħallas multa komplessiva ta' €2420 (liema ammont irid tiżdied mal-ammendi msemmija qabel) [1] u qed tiskwalifika lill-appellat milli jsuq xi vettura għal tmint ijiem (Kap 65) liema perjodu jibda jgħodd min-nofs il-lejl tal-lum. Ai fini tal-artikolu 3(2A) tal-Kap 104 , fiċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ –dato x'tip ta' vettura kienet din - il-Qorti mhix timponi l-perjodu ta' skwalifika msemmi fl-istess artikolu. Il-multa tista' titħallas fi żmien sentejn mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] L-ewwel Qorti kienet imponiet ukoll multa ta' €117 fuq l-ewwel imputazzjoni. B'applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kap 9 din tniżżlet bin-nofs għal €58.50